MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Numru. 536/2005

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Carmel Hartley, iben Paul, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Lulju, 1971 (Karta ta’ l-identita’ numru 346071M)
u
Richard Anthony Edwards, iben Anthony, imwieled l-Ingilterra fis-7 ta’ Frar, 1977 (Karta ta’ l-identita’ numru 289191M)
u
Matthew Catania, iben Lawrence, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Awwissu, 1984 (Karta ta’ l-identita’ numru 373884M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –

T
talli fl-14 ta' Ġunju, 2005 u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda –
a. talli f'Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar, fl-14 ta' Ġunju, 2005, għal ħabta tas-1.30 a.m., bil-ħsieb li jagħmlu delitt, u cioe' serq mill-fond 'In and Out Snack Bar', urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin, bil-ħin, bil-mezz u bi vjolenza numerika u li jkun sar għad-dannu tal-propjetarji tal-post;
b. talli f'Birkirkara, fit-13 ta' Ġunju, 2005, għal ħabta tas-00.45 a.m., bil-ħsieb li jagħmlu delitt, u cioe' serq mill-fond 'Każin Sant' Antnin' sitwat fi Triq Dun Filippu Borg, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin, bil-ħin, bil-mezz u bi vjolenza numerika u li jkun sar għad-dannu tal-propjetarji tal-post;

lil **Carmel Hartley** u **Richard Anthony Edwards**, flimkien –

ċ. talli f'Ħal-Għaxaq, fil-lejl ta' bejn l-1 u it-2 ta' Ġunju, 2005, ikkomettew serq
ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti u 'telephone vouchers', li l-valur
globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitt lira maltin iżda inqas minn elf
lira maltin, minn ġol-fond 'Power Centre Ltd.' sitwat fi Triq Birżebbuġia,
liema serq hu kkwalifikat bil-mezz bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira maltin u
bil-ħin li seħħ għad-dannu ta' Nader Bassily;

ċ1. talli f'Ħal-Għaxaq, fil-lejl ta' bejn it-30 u il-31 ta' Mejju, 2005, ikkomettew
serq ta' diversi oġġetti, fosthom flus kontanti u 'telephonic vouchers', li l-

valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta’ mitt lira maltin iżda anqas minn
elf lira maltin, minn ġol-fond ‘Power Centre Ltd.’ sitwat fi Triq Birżebbuġia,
liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorriex l-elf liri maltin u
bil-ħin u li seħħ għad-dannu ta’ Nader Bassily;

d. talli f’San Gwann, fil-lejl ta’ bejn l-24 u il-25 ta’ Mejju, 2005, bil-ħsieb li
jagħmlu delitt, u cioe’ serq mill-fond ‘Carina Delicatessan’ sitwat fi Triq iċ-
Ċiklamini, urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta’
dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u
indipendenti mill-volonta’ tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifkat bil-
valur li jiskorri l-elf lira maltin, bil-ħin u bil-mezz u li jkun sar għad-dannu
ta’ Carmel Borg;

e. talli f’Ħal-Tarxien, f’jum matul ix-xhur qabel l-14 ta’ Ġunju, 2005, matul il-
lejl, ikkomettew serq ta’ diversi oġġetti fosthom ‘power tools’, li l-valur
globali tagħhom jeċċedi s-somma ta’ mitt lira maltin iżda inqas minn elf
lira maltin, minn ġol-fond ‘Auto Silencer Services’ sitwat fi Triq il-Gudja,
liema serq hu kkwalifikat bil-mezz,bil-valur li jiskorri l-mitt lira maltin u bil-
ħin li seħħ għad-dannu tal-propjetarji;

f. talli f’Ħal-Qormi, fil-lejl ta’ bejn is-17 uit-18 ta’ Mejju, 2005, ikkomettew
serq ta’ diversi oġġetti fosthom flus kontanti, xorb alkoħoliku u apparat tal-
Hi-Fi, li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta’ mitt lira maltin iżda
inqas minn elf lira maltin minn ġol-fond ‘Klabb tal-Boċċi Qormi’ sitwat fi
Triq il-Wied, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorriex l-

elf lira maltin u bil-ħin li seħħ għad-dannu ta' Carmelo Camilleri;
g. talli f'Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar, fil-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta'
Mejju, 2005, bil-ħsieb li jagħmlu delitt, u cioe' serq mill-fond 'In and Out
Snack Bar' sitwat fi Triq Burmarrad, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw
għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba
xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku ġie
esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin, bil-ħin u bil-
mezz, li sar għad-dannu ta' Francis Vella;
h. talli f'Birkirkara, fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Mejju, 2005, ikkomettew serq ta'
diversi oġġetti fosthom flus kontanti u sigaretti, li l-valur tagħhom jeċċedi
s-somma ta' elf lira maltin, minn ġol-fond 'St. Anthony's Band Club' sitwat
fi Triq Dun Filippu Borg, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li
jiskorri l-elf lira maltin u bil-ħin li seħħ għad-dannu tal-propjetarji ta' l-istess
fond;
h1. talli f'Birkirkara, fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Mejju, 2005, ikkomettew serq ta'
diversi oġġetti, fosthom flus kontanti, li l-valur tagħhom jeċċedi s-somma
ta' mitt lira maltin iżda anqas minn elf lira maltin, minn ġol-fond 'Banka tal-
Lottu numru 166', liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma
jiskorriex l-elf lira maltin u bil-ħin u li seħħ għad-dannu tal-propjetarji ta' l-
istess fond;

Lil **Charles Hartley**, waħdu –

i. talli f'Ħal-Qormi, fil-lejl ta' bejn il-5 u is-6 ta' Ġunju, 2005, ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, arma tan-nar (senter) tal-marka 'Laurona', arma tan-nar (revolver) tal-marka 'Smith & Wesson' u

munizzjon, li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' elf lira maltin minn ġol-fond garage li jagħmel mar-residenza numru 22, fi Triq is-Sebħ, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin u bil-ħin u li seħħ għad-dannu ta' Pasqualino Grech;
j. talli fl-14 ta' Ġunju, 2005, għal ħabta tal-4.15 a.m. fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jimbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
k. talli fl-inħawi tax-Xatt ta' Ta' Xbiex, l-Imsida, f'xi jum matul ix-xhur ta' April u Mejju, 2005, matul il-lejl, ikkometta serq ta' erba' 'hub cups' minn fuq vettura ta' għamla mhux magħrufa, li l-valur globali tagħhom ma jiskorrix il-ħamsin lira maltin, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin li sar għad-dannu ta' persuna mhux magħrufa;
l. talli fis-6 ta' Ġunju, 2005 u fil-ġimgħat ta' wara din id-data, f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, ġarr jew żamm arma tan-nar u munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
lil **Carmel Hartley**, **Richard Anthony Edwards** u **Matthew Catania**, ilkoll flimkien –
m. talli fl-14 ta' Ġunju, 2005 u matul il-ġimgħat qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer xjentement laqgħu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Novembru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fil-konfront ta' **Carmel Hartley** –
a. fl-artikoli 18, 41(a), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18, 41(a), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;

c. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
c1. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
h1. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
i. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
j. fl-artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali;
k. fl-artikoli 18, 261(f)(g), 270, 271 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
l. fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta (qabel l-artikolu 3(1A) tal-kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta;
m. fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali; u
n. fl-artikoli 23B, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

fil-konfront ta' **Richard Anthony Edwards** –
a. fl-artikoli 18, 41(a), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b) 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
ċ1. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;

d. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
h1. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279(a), 280 u 281
tal-Kodiċi Kriminali;
i. fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
j. fl-artikoli 23B, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

fil-konfront ta' **Matthew Catania** –
a. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 23B, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2007 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Diċembru, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, fil-konfront tat-tlett imputati ma ssibhomx ħatja tal-akkuża bl-ittra (m) miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża.
Fil-konfront ta' **Carmel Hartley**, issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 41(a), 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(a)(b), 280, 281 u 110(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor jekk reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.
Fil-konfront ta' **Richard Anthony Edwards**, issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 41(a), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali
u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor jekk reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.
Fil-konfront ta' **Matthew Catania**, issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.
Fil-konfront tat-tlett imputati. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta' erba' mitt euro (€400) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------